REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 1022/2010

tat-12 ta' Novembru 2010

li jawtorizza żieda tal-limiti għall-arrikkiment tal-inbid prodott mill-għeneb maħsud fl-2010 f'ċerti żoni tat-tkabbir tad-dwieli

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (Ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS) [1], u b'mod partikolari t-tielet paragrafu tal-Artikolu 121 tiegħu,

Billi:

(1) Il-Punt A.3 tal-Anness XVa għar-Regolament (KE) Nru 1234/2007 jipprovdi li l-Istati Membri jistgħu jitolbu li l-limiti ta' żieda tas-saħħa alkoħolika (arrikkiment) ta' nbid bil-volum, jiżdiedu b'sa 0,5 % fis-snin meta l-kundizzjonijiet klimatiċi jkunu eċċezzjonalment ħżiena.

(2) Il-Belġju, ir-Repubblika Ċeka, id-Danimarka, il-Ġermanja, l-Ungerija, il-Pajjiżi l-Baxxi, l-Awstrija, il-Polonja, is-Slovenja, is-Slovakkja u r-Renju Unit talbu dawn iż-żidiet tal-limiti ta' arrikkiment tal-inbid prodott mill-għeneb maħsud fis-sena 2010, hekk kif il-kundizzjonijiet klimatiċi matul l-istaġun tat-tkabbir kienu eċċezzjonalment ħżiena f'ċerti reġjuni ġeografiċi.

(3) Minħabba t-temp eċċezzjonalment ħażin fl-2010, il-limiti fuq iż-żidiet tas-saħħa alkoħolika naturali stabbiliti fil-punt A.2 tal-Anness XVa għar-Regolament (KE) Nru 1234/2007, ma jippermettux il-produzzjoni ta' nbid b'total ta' saħħa alkoħolika xieraq f'ċerti reġjuni li jkabbru d-dwieli u li għalih normalment ikun hemm talba fis-suq.

(4) Huwa għalhekk xieraq li tiġi awtorizzata żieda tal-limiti għall-arrikkiment tal-inbid prodott mill-għeneb maħsud fl-2010 f'ċerti reġjuni tat-tkabbir tad-dwieli.

(5) Il-miżuri pprovduti f'dan ir-regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat ta' Ġestjoni għall-Organizzazzjoni Komuni tas-Swieq Agrikoli,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Fir-reġjuni ġeografiċi msemmija fl-Anness għal dan ir-Regolament, b'deroga mill-punt A.2 tal-Anness XVa għar-Regolament (KE) Nru 1234/2007, iż-żieda bil-volum fis-saħħa alkoħolika naturali ta' għeneb frisk maħsud fis-sena 2010, most tal-għeneb, most tal-għeneb fil-fermentazzjoni, inbid ġdid li jkun għadu fil-proċess ta' fermentazzjoni u nbid li ġie prodott mill-għeneb maħsud fis-sena 2010, ma għandhomx jaqbżu l-limiti li ġejjin:

(a) 3,5 % volum fiż-żona A tat-tkabbir tad-dwieli msemmija fl-appendiċi tal-Anness XIb għar-Regolament (KE) Nru 1234/2007,

(b) 2,5 % volum fiż-żona B tat-tkabbir tad-dwieli msemmija fl-appendiċi tal-Anness XIb għar-Regolament (KE) Nru 1234/2007,

(c) 2,0 % volum fiż-żona C I tat-tkabbir tad-dwieli msemmija fl-appendiċi tal-Anness XIb għar-Regolament (KE) Nru 1234/2007.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-12 ta' Novembru 2010.

Għall-Kummissjoni

Il-President

José Manuel BARROSO

[1] ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.

ANNESS

Reġjuni ġeografiċi fejn żieda fil-limitu ta' arrikkiment hi awtorizzata skont l-Artikolu 1

L-Istat Membru	Reġjuni ġeografiċi (żona tat-tkabbir tad-dwieli)
Il-Belġju	Ir-reġjuni kollha tat-tkabbir tad-dwieli (żona A)
Ir-Repubblika Ċeka	Ir-reġjuni kollha tat-tkabbir tad-dwieli (żoni A u B)
Id-Danimarka	Ir-reġjuni kollha tat-tkabbir tad-dwieli (żona A)
Il-Ġermanja	Ir-reġjuni kollha tat-tkabbir tad-dwieli (żoni A u B)
L-Ungerija	Ir-reġjuni kollha tat-tkabbir tad-dwieli (żona C I)
Il-Pajjiżi l-Baxxi	Ir-reġjuni kollha tat-tkabbir tad-dwieli (żona A)
L-Awstrija	Ir-reġjuni kollha tat-tkabbir tad-dwieli (żona B)
Il-Polonja	Ir-reġjuni kollha tat-tkabbir tad-dwieli (żona A)
Is-Slovenja	Podravje u Posavje (żona B)
Is-Slovakkja	Ir-reġjuni kollha tat-tkabbir tad-dwieli (żoni B u C I)
Ir-Renju Unit	L-Ingilterra, Wales (żona A)